MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 992/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 19 ta' Lulju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**

**VS**

**LUCIA K/A LUCIENNE ZAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Lucia k/a Lucienne Zammit detentrici tal-karta tal-identita` numru 576665M.

**Akkuzata talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta` Gunju 2009 ghall-habta tas-siegha u kwart ta` wara nofsinhar gewwa Triq it-Trasfigurazzjoni, Lija, saqet vettura b'numru LUC 165:

1. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-thasis tar-regolamenti tat-traffiku, kkagunat feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Marianne Pace (229294M) skond kif iccertifika Dr. A. Amato Gauci MD (5110) mill-Emergenza tal-MDH;

2. Kif ukoll talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-Licenzja kollha taghha tas-sewqan.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli ndikati; u cioe` l-Artikli 214, 215, 216,217, 218, 225, 226 (1), 17, 23, 30, 31, u 533 tal-Kapitolu 9; l-Artikli 15 (1) (a), 15 (2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 54, 55, 57, 127 tal-Avviz Legali 129/1994.

Illi l-imputata hija akkuzata talli gewwa Triq it-Trasfigurazzjoni, Hal-Lija, saqet vettura b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Ikkagunat feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Marianne Pace u, wkoll, talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Illi huwa car u manifest illi l-ferita kkagunata lil Marianne Pace hija wahda ta` natura gravi. Dan jirrizulta sodisfacentement mix-xhieda medika prodotta mill-Prosekuzzjoni waqt is-smiegh ta` din il-kawza. Din il-ferita kienet tikkonsisti, principalment, minn qasma kbira fuq il-geddum tal-vittma li kienet tinhtieg numru konsiderevoli ta` stitches u illi ser thalli sfregju visibbli permanenti fuq wicc din it-tfajla.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti trid tiddeciedi ta` min kien it-tort ta` dan l-incident. Hemm qbil sostanzjali bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u Difiza Illi l-imputat naqset mill-ispeed taghha meta indunat illi Marianne kienet sejra taqsam minn wara t-Torri ta` Hal-Lija min-naha tal-lemin tas-sewwieqa sabiex taqsam ghax-xellug tat-triq fejn kien hemm ommha tistennieha fuq bank.

Fejn ma jaqblux ix-xhieda huwa f'dak li, allegatament, ghamlet Marianne. Skond Marianne u ommha, it-tifla waqfet meta indunat bil-karozza li kienet gejja u regghet kompliet taqsam meta rat illi s-sewwieqa kienet 'isslowjat' sabiex ittiegha cans taqsam. Skond l-imputata, Marianne qisha l-ewwel waqfet izda mbghad kompliet taqsam tigri t-triq nonostante illi rat il-vettura gejja u, ghalhekk, ghal din ir-raguni, laqtitha bin-naha tax-xellug tal-vettura taghha. Din il-verzjoni tidher li qed tigi kkonfortata mix-xhieda okulari Stephania Spiteri li hija l-uniku xhud indipendenti li giet prodotta waqt din il-kawza. Filfatt, Spiteri tghid hekk:
"qasmet tigri u, ezatt kif sabet il-karozza, kif kwazi waslet, sabet il-karozza maghha".

F'din ir-rilevanza, importanti huwa dak li xehdet l-imputata fil-15 ta` Marzu 2011 ta` dan il-process dwar ir-reazzjoni immedjata ta` Marianne wara li gara l-incident. Tixhed illi Marianne qaltilha:

"Sorry ta, sorry" u "Sorry, sorry hafna"

Min-naha taghha, omm Marianne hija kkwotata li qalet lit-tifla taghha:

“Ghalxejn nghidlek biex ma taqsamx hekk”

Dan huwa kollu indikattiv illi l-verzjoni tal-imputata issapportata mix-xhieda ta` Stephanie Spiteri hija l-verzjoni iktar veriterja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni migjuba kontriha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------